**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Lulju, 2016**

**Citazzjoni Nru: 961/2015 AF**

**Anthony Falzon and Sons Limited (C6652)**

**vs**

**Myra Trading Limited (C19093) u**

**Vincent Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Anthony Falzon and Sons Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt datat l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (01.02.2013) fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, kopja annessa bhala dokument ittra "AFS1", l-intimata Myra Trading Limited ikkostitwiet ruhha vera, cert u likwida debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf Ewro (€29,000).

Permezz dejjem tal-imsemmi kuntratt, is-socjetà intimata intrabtet u obbligat ruhha li thallas l-imsemmija somma ta' €29,000 lir-rikorrenti permezz ta' pagamenti mensili ta' tmien mitt Ewro (€800)–il wiehed.

Inoltre s-socjetà intimata intrabtet wkoll illi kemm il-darba l-imsemmija somma ma tithallasx fiz-zmien stipulat, kellu jibda jiddekorri imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi fuq il-bilanc dovut sakemm is-somma tithallas lura.

Inoltre il-partijiet qablu wkoll illi kemm il-darba s-socjetà intimata tkun moruza fil-pagament ta' skadenza wahda, is-socjetà intimata kellha titlef il-beneficcju tat-terminu koncess lilha u l-bilanc tas-somma dovuta jsir dovut minnufih.

L-intimat l-iehor Vincent Attard proprio ggarantixxa favur is-socjetà rikorrenti accettanti l-osservanza tal-kundizzjonijiet kollha tal-imsemmi kuntratt u partikolarment tal-pagament lura tas-somma dovuta mis-socjetà intimata kif ukoll l-imghaxijiet u dan solidalment mal-istess socjetà intimata.

Minkejja dak pattwit permezz tal-imsemmi kuntratt, is-socjetà intimata hallset lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' sitt elef u erba mitt Ewro (€6,400) u ghalhekk hija moruza f'ferm izjed minn skadenza wahda.

Ghalhekk il-bilanc kollu ta' tnejn u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€22,600) sar kollu dovut u pagabbli minnufih lis-socjetà rikorrenti stante d-dekadenza mill-beneficcju taz-zmien ghal hlas skond kif pattwit fl-imsemmi kuntratt tal-01.02.2013.

Minkejja li s-socjetà intimata (li taghha l-intimat l-iehor Vincent Attard proprio huma l-unika direttur u l-azzjonist maggoritarju) giet debitament interpellata anke permezz tal-ittra ufficjali datat 25 ta' Lulju 2014, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument ittra "AFS2", sabiex thallas, is-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

L-esponent Darren Falzon jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment.

Intalbet dawn il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-intimati naqsu milli jhallsu lis-socjetà rikorrenti izjed minn skadenza wahda ta' tmien mitt Ewro (€800) fiz-zmien pattwit skond il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-1 ta' Frar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall Dok. AFS1.

2. Tiddeciedi illi konsegwentement l-ammont kollu dovut lis-socjetà rikorrenti mill-intimati skond l-imsemmi kuntratt AFS1 sar dovut u pagabbli minnufih fl-intier tieghu stante li l-intimati tilfu z-zmien ghal hlas lilhom koncess fuq l-imsemmi kuntratt in vista tal-morozità taghhom.

3. Tiddeciedi illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€22,600), bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjetà rikorrenti skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 01.02.2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, b'dan illi kull wiehed minnhom ikollha l-obbligu li jhallsu l-ammont kollu in virtù tal-garanzija solidali moghtija mill-intimat Attard personalment.

4. Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u sitt mitt Ewro (€22,600), b'dana illi kull wiehed minnhom ikollha l-obbligu li jhallsu l-ammont kollu in virtù tal-garanzija solidali moghtija mill-intimat Attard personalment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-25 ta' Lulju 2014 kontra l-intimati li minn issa jibqghu ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet xhud viva voce.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma wegbux ghall-kawza. Lanqas ma pprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub kif awtorizzati jaghmlu fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob mill-intimati hlas ta' €22,600 dovuti skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu esibit in atti. L-intimati ma wiegbux ghall-kawza. Ghandu jigi enfasizzat illi l-kontumacja f'dawn il-proceduri m'hijiex meqjusa bhala ammissjoni tat-talba izda jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova t-talba tieghu sal-grad rikjest mill-ligi. Is-socjetà rikorrenti irnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li t-talba taghha hija misthoqqa, u dan permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll xhieda viva voce.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Anthony Falzon and Sons Limited kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba kif dedotta, tilqa' r-raba talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati in solidum.

IMHALLEF

DEP/REG